**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
(**Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Charmain Camilleri**

**Illum, 27 ta' Lulju 2017,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Charmain Camilleri**, detentrici ta` karta tal-identita' numru 300576(M);

Akkuzata talli:

> fix-xahar ta` Lulju 2017 u fix-xhur ta` qabel, f`dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqediet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ aktar minn hamest elef euro (€5000), ghad-dannu ta’ Anna Marie Galea, Joseph Galea, Franklee Galea, Peter Bugeja, u David Pace;

2. U aktar talli fl-istess dati, u cirkostanzi approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-dannu ta’ Anna Marie Galea, Joseph Galea, Franklee Galea, Peter Bugeja, u David Pace liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha

3. Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni ghamlet ‘output’ ta’ xi ‘data’, ‘software’ jew dokumentazzjoni ta’ appogg mill-‘computer’ li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b`kull mod iehor li jkun;

4. Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni hadet pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamlet uzu minnhom;

5. Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni kixfet xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg kemm-il darba dan ma kienx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietha jew b`xi ligi ohra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata Charmain Camilleri regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikunsidra il-posizzjoni taghha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 310 (1) (a), 337F (3) (a), 337C (1) (b), 337C (1) (f) u 337C (1) (j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fedina penali netta taghha, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundanna lill-imputata sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin. B'ordni taht l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-imputata tirrifondi l-ammont kollu dovut lill-imsemmija Anna Marie Galea, Joseph Galea, Franklee Galea, Peter Bugeja u David Pace fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur